## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **352/22 (AD)**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1652/2018 rez ezekuttiv nhar il-11 ta' Novembru 2021 fl-ismijiet:**

## APS BANK LTD

**vs**

## AMBASSADOR CLOTHING LTD ET

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors numru 352/22 AD tas-26 ta' April 2022 fejn ir-rikorrenti Desiree' Darmanin talbet ir-revoka 'contrario imperio' tad-digriet tal-11 ta' Novembru 2021 u l-effetti tieghu limitatament fejn dan jirrigwarda:

(i) Il-pensjoni tar-romol ghal liema l-esponenti hija intitolata ai termini tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sabiex hija jkollha biex tghix, u,

(ii) Il-paga tal-esponenti fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), ai termini tal-Artikoli 381(1)(a) u 382 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ai termini ta' dawk il-

provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma neccessarji u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2022 fejn giet ordnata in-notifika lis-socjeta' sekwestranti APS Bank b'sebat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' APS Bank plc gia Limited tat-23 ta' Mejju 2022 fejn hija ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrenti zgur m'ghandhomx jintlaqghu minghajr ma jigu prodotti l-provi dwar dak allegat mir-rikorrenti dwar l-intitolament ghall-pensjoni tar-romol u dwar il-provenjenza ta' ammont ta' disgha mija u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€970.31) fix-xahar u cioe' prova li dan l-ammont jirraprezenta l-paga li r-rikorrenti taqla' mill-impjieg taghha.

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-14 ta' Gunju 2022 bid-dokumenti annessi inkluz l-affidavit tal-istess rikorrenti fejn ingabu l-provi ndikati mis-socjeta' sekwestranta fir-risposta taghha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors waqt is-seduti tas-27 ta' Mejju 2022 u tat-23 ta' Gunju 2022.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba mir-rikorrenti jirrizulta li hija effettivament tippercepixxi pensjoni tar-romol fl-ammont ta' mitejn u wiehed u disghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€291.28) fix-xahar u li ilha tircievi tali pensjoni mill-10 ta' Gunju 2017 sad-data tal-prezentata tar-rikors odjern. Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti tircievi paga ta' disgha mija u sebghin ewro u wiehed u tletin centezmu (€971.31) fix-xahar.

Illi l-Artiklu 381(1)(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "381.(1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq –
> (a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra);

(b) benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew pensjon iprivata jew kwalunkwe pensjoni, benefiċċju jew allowance oħra maħruġa mill-Gvern jew gvern barrani ieħor..."

Jidher ghalhekk li t-talba maghmula mir-rikorrenti hija gustifikata u ghandha tintlaqa'.

**Decide**

Wara li rat l-Artikolu 381(1)(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' t-talbiet maghmula mir-rikorrenti u tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-11 ta' Novembru 2021 u l-effetti tieghu limitatament fejn dan jirrigwarda:

(i) Il-pensjoni tar-romol ghal-liema r-rikrorenti Desiree' Darmanin hija intitolata ai termini tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Il-paga tar-rikorrenti fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centemzu (€698.81).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' sekwestranti.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Gimgha 15 ta' Lulju 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**